

SEJĦA GĦAL ESPRESSJONI TA' INTERESS GĦAL PERSUNAL BIL-KUNTRATT

INTRODUZZJONI	2
1. PROFILI U GRUPPI TA' FUNZJONIJIET KOPERTI MINN DIN IS-SEJĦA.....	2
2. DISPOŻIZZJONIJIET BAŻIĊI	3
3. JIEN ELIĠIBBLI?	3
3.1. Kundizzjonijiet ġenerali	3
3.2. Kundizzjonijiet speċifiċi minimi - lingwi.....	4
3.3. Kundizzjonijiet speċifiċi minimi - kwalifiki u esperjenza professjonali	4
4. PROĊEDURI TA' SELEZZJONI	4
4.1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri ta' selezzjoni	4
4.2. L-użu tal-lingwi f'dawn il-proċeduri ta' selezzjoni.....	5
4.3. Applikazzjoni.....	5
4.4. Preselezzjoni/tqegħid fuq lista preliminari mis-servizzi ta' reklutaġġ	6
4.5. Testijiet ta' selezzjoni organizzati mill-EPSO	6
4.6. Intervisti u/jew testijiet ta' reklutaġġ organizzati mis-servizzi ta' reklutaġġ	7
5. REKLUTAĠĠ	8
6. OPPORTUNITAJIET INDAQS U AKKOMODAMENT RAĠONEVOLI	8
7. SKWALIFIKA U ESKLUŻJONI TEMPORANJA	9
8. TĦASSIB U RIMEDJI	9
8.1. Kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi.....	9
8.2. Ilmenti dwar mistoqsijiet tat-test tar-raġunament.....	10
8.3. Ilmenti amministrattivi	10
8.4. Appelli ġudizzjarji	11
8.5. Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew	11
9. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI	11
ANNEX I. Dmirijiet tipiċi	12
ANNEX II. Rekwiżiti lingwistiċi.....	25
ANNEX III. Kodiċijiet speċjali li għandhom jiġu indikati fl-applikazzjonijiet għall-profili "Ġestjoni tal-Bini" EPSO/CAST/P/23/2022, EPSO/CAST/P/24/2022, u EPSO/CAST/P/25/2022	26

INTRODUZZJONI

- (1) Il-proċeduri ta' selezzjoni tal-CAST Permanenti tnedew mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) fil-5 ta' Jannar 2017 bil-pubblikazzjoni ta' Sejħa għal espressjoni ta' interess għal diversi profili u gruppi ta' funzjonijiet.
- (2) Is-Sejħa għal espressjoni ta' interess sussegwentement għaddiet mill-bidliet li ġejjin: rettifika tat-13 ta' Ġunju 2017, addendum tas-16 ta' Ottubru 2017, addendum tas-16 ta' April 2018, rettifika tas-27 ta' Lulju 2018, addendum tas-26 ta' Settembru 2018, addendum tat-8 ta' Jannar 2019, u addendum tal-10 ta' Marzu 2022.
- (3) Għall-finijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, it-test oriġinali tas-Sejħa għal espressjoni ta' interess kif ukoll ir-rettifiki u l-addenda elenkati hawn fuq għandhom jiġu sostitwiti b'din il-verżjoni emendata u konsolidata. Din il-verżjoni tinkludi wkoll ftit bidliet ġodda li għandhom l-għan li jtejbu l-operat tal-proċeduri ta' selezzjoni tas-CAST Permanenti.

1. PROFILI U GRUPPI TA' FUNZJONIJIET KOPERTI MINN DIN IS-SEJĦA

- (1) Din is-Sejħa għal espressjoni ta' interess tikkonċerna l-profil u l-grupp ta' funzjonijiet li ġejjin:

Nru	Referenza	Profil	Grupp ta' funzjonijiet (FG)
1	EPSO/CAST/P/1/2017	Finanzi	FG III
2	EPSO/CAST/P/2/2017	Finanzi	FG IV
3	EPSO/CAST/P/3/2017	Ġestjoni tal-proġetti / programmi	FG III
4	EPSO/CAST/P/4/2017	Ġestjoni tal-proġetti / programmi	FG IV
5	EPSO/CAST/P/5/2017	Finanzi	FG II
6	EPSO/CAST/P/6/2017	Segretarji/Skrivani	FG II
7	EPSO/CAST/P/7/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi umani	FG II
8	EPSO/CAST/P/8/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi umani	FG III
9	EPSO/CAST/P/9/2017	Amministrazzjoni / Riżorsi umani	FG IV
10	EPSO/CAST/P/10/2017	Kommunikazzjoni	FG III
11	EPSO/CAST/P/11/2017	Kommunikazzjoni	FG IV
12	EPSO/CAST/P/12/2017	Affarijiet politiċi/Politiki tal-UE	FG III
13	EPSO/CAST/P/13/2017	Affarijiet politiċi/Politiki tal-UE	FG IV
14	EPSO/CAST/P/14/2017	Liġi	FG III
15	EPSO/CAST/P/15/2017	Liġi	FG IV
16	EPSO/CAST/P/16/2017	Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	FG III
17	EPSO/CAST/P/17/2017	Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	FG IV
18	EPSO/CAST/P/18/2017	Ħaddiema manwali u ta' sostenn amministrattiv	FG I
19	EPSO/CAST/P/19/2018	Persunal tal-indukrar tat-tfal	FG II
20	EPSO/CAST/P/20/2018	Psikologi tal-edukazzjoni	FG IV
21	EPSO/CAST/P/21/2019	Qarrejja tal-provi	FG III
22	EPSO/CAST/P/22/2019	Tradutturi	FG IV
23	EPSO/CAST/P/23/2022	Ġestjoni tal-Bini - Aġent tekniku u tal-loġistika	FG II
24	EPSO/CAST/P/24/2022	Ġestjoni tal-Bini - Speċjalista tal-bini	FG III
25	EPSO/CAST/P/25/2022	Ġestjoni tal-Bini - Inġinier/perit	FG IV

- (2) Irreferi [Anness I](#) għal informazzjoni dwar in-natura tad-dmirijiet li kandidat se jkun mistenni li jwettaq jekk jiġi rrekutat.

- (3) L-EPSo jista' jżid profili ġodda kif meħtieġ billi jemenda din is-Sejħa għal espressjoni ta' interess.

2. DISPOŻIZZJONIJIET BAŻIĊI

- (1) Din hija Sejħa għal espressjoni ta' interess biex jinħoloq grupp ta' kandidati li minnu l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, u korpi oħra tal-Unjoni Ewropea (UE), minn hawn 'il quddiem "is-servizzi ta' reklutaġġ", jistgħu jirreklutaw aġenti kuntrattwali.
- (2) Din is-Sejħa għal espressjoni ta' interess, flimkien mal-annessi tagħha, tiffirma qafas legalment vinkolanti għall-proċeduri ta' selezzjoni tas-CAST Permanenti.
- (3) Il-kandidati jistgħu japplikaw għal profil wieħed jew aktar u/jew għal grupp ta' funzjonijiet wieħed jew aktar, dejjem jekk jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà.
- (4) Il-kandidati jistgħu jikkuntattjaw lill-EPSo permezz tal-formola ta' kuntatt online disponibbli fuq is-[sit web tal-EPSo](#). Qabel ma jikkuntattjaw lill-EPSo, il-kandidati huma mistiedna jikkonsultaw it-[taqsima "mistoqsijiet frekwenti"](#) fuq is-[sit web tal-EPSo](#).
- (5) Kwalunkwe referenza, fil-qafas ta' dawn il-proċeduri ta' selezzjoni, għal persuna ta' ġeneru speċifiku trid tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' kull ġeneru ieħor.
- (6) Is-sejħiet għal espressjoni ta' interess għall-persunal bil-kuntratt ġeneralment jattiraw ħafna kandidati b'ħiliet għolja. Numru limitat biss ta' kandidati fost daww irregjistrati fil-bażi tad-*data* se jiġu ttestjati, intervistati, u offruti impjeg.

3. JIEN ELIĠIBBLI?

- (1) Il-proċedura ta' selezzjoni tal-CAST Permanenti hija miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-UE li jissodisfaw il-**kundizzjonijiet ġenerali** kollha tal-eliġibbiltà kif ukoll il-**kundizzjonijiet speċifiċi minimi ta' eliġibbiltà**.
- (2) Il-kandidati jridu jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet fiż-żmien meta jivvalidaw l-applikazzjoni tagħhom u jridu jkomplu jissodisfawhom matul il-proċeduri tas-selezzjoni u tar-reklutaġġ. Billi jivvalidaw il-formola ta' applikazzjoni online, il-kandidati jiddikjaraw fuq l-unur tagħhom li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet.
- (3) Abbażi tal-kundizzjonijiet speċifiċi minimi msemmija f'din it-taqsima, is-servizzi ta' reklutaġġ jiddefinixxu kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà u/jew ta' selezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet u għall-pożizzjonijiet vakanti tagħhom. Is-servizzi ta' reklutaġġ se jivvalutaw l-eliġibbiltà tal-kandidati abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni u fid-dokumenti ta' sostenn.
- (4) Il-kandidati jiġu nnotifikati dwar meta jridu jipprovdu dokumenti li jsostnu d-dikjarazzjonijiet magħmula fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom. Is-servizzi ta' reklutaġġ jiddeterminaw liema dokumenti huma aċċettabbli.

3.1. Kundizzjonijiet ġenerali

Kandidat irid:

- (a) ikun igawdi mid-drittijiet kollha bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE;
- (b) ikun issodisfa kull obbligu impost mid-drittijiet nazzjonali dwar is-servizz militari;

- (c) jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għat-twettiq tad-dmirijiet involuti.

3.2. Kundizzjonijiet speċifiċi minimi - lingwi

- (1) Kandidat f'dawn il-proċeduri ta' selezzjoni jrid ikollu dawn it-tnejn li ġejjin:
- (a) għarfien tajjeb ħafna ([livell minimu C1](#)) ta' waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE (din il-lingwa minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "lingwa 1").
 - (b) għarfien sodisfaċenti ([livell minimu B2](#)) [tal-Ingliż, tal-Franċiż, jew tal-Ġermaniż](#) (din il-lingwa minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "lingwa 2"). Il-lingwa 2 trid tkun differenti mil-lingwa 1.
- (2) Ara [Anness II](#) għal aktar informazzjoni dwar dawn ir-rekwiżiti.
- (3) Il-livelli minimi indikati hawn fuq japplikaw għal kull ħila lingwistika (id-diskors, il-kitba, il-qari u s-smiġħ) mitluba fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-ħiliet jirriflettu dawk tal-[Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi](#).
- (4) Għal informazzjoni dwar l-użu tal-lingwi f'dawn il-proċeduri ta' selezzjoni, ara t-taqsim 4.2.

3.3. Kundizzjonijiet speċifiċi minimi - kwalifiki u esperjenza professjonali

- (1) Il-livell minimu ta' edukazzjoni meħtieġ għall-grupp ta' funzjonijiet I huwa t-tlestija b'suċċess tal-edukazzjoni obligatorja.
- (2) Għall-gruppi ta' funzjonijiet II u III, il-livell minimu ta' edukazzjoni meħtieġ huwa definit kif ġej:
- (a) livell ta' edukazzjoni postsekondarja iċċertifikat b'diploma; jew
 - (b) livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat b'diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, u esperjenza professjonali xierqa ta' mhux anqas minn tliet snin; jew
 - (c) meta dan ikun ġustifikat fl-interess tas-servizz, taħriġ professjonali jew esperjenza professjonali ta' livell ekwivalenti.
- (3) Għall-grupp ta' funzjonijiet IV, il-livell minimu ta' edukazzjoni meħtieġ huwa definit kif ġej:
- (a) livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal kors mitmum ta' studji universitarji ta' mill-anqas 3 snin, iċċertifikat b'lawrja; jew
 - (b) meta jkun iġġustifikat fl-interessi tas-servizz, taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti.

4. PROĊEDURI TA' SELEZZJONI

4.1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri ta' selezzjoni

Il-proċeduri ta' selezzjoni huma organizzati fil-fażijiet li ġejjin:

- (a) Applikazzjoni mill-kandidati

- (b) Preselezzjoni (lista preliminari) mis-servizzi ta' reklutaġġ
- (c) Testijiet ta' selezzjoni organizzati mill-EP SO
- (d) Intervisti u/jew testijiet ta' reklutaġġ organizzati mis-servizzi ta' reklutaġġ

4.2. L-użu tal-lingwi f'dawn il-proċeduri ta' selezzjoni

- (1) Il-kandidati jistgħu jimlew il-formola tal-applikazzjoni tagħhom bi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Madankollu, l-EP SO jħeġġeġ lill-kandidati biex jagħmlu dan bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż. Dan ma jeħtieġx l-użu ta' traduzzjonijiet u jiffaċilita t-tfittxija għal kandidati xierqa u t-tqabbil tal-merti tal-kandidati.
- (2) Il-kandidati se jagħmlu testijiet tas-selezzjoni organizzati mill-EP SO fil-lingwa 1 tagħhom.
- (3) Il-lingwa 2 u lingwi rilevanti oħra jistgħu jiġu ttestjati mis-servizzi ta' reklutaġġ matul l-intervisti u/jew matul testijiet oħra organizzati minn dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' reklutaġġ se jinfirmaw lill-kandidati dwar il-lingwi li għandhom jintużaw fl-intervisti ta' reklutaġġ u/jew fit-testijiet (ara wkoll it-taqsim 4.6.).
- (4) Fil-komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EP SO, japplika dan li ġej:
 - (a) L-istediniet għat-testijiet u r-riżultati tat-testijiet se jiġu pprovduti bil-lingwa 2 tal-kandidat.
 - (b) F'każijiet ta' kwistjonijiet u tħassib imsemmija fit-taqsim 8, il-kandidati huma mħeġġa jissottomettu t-talbiet u l-ilmenti tagħhom lill-EP SO **bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż**, sabiex l-EP SO jkun jista' jassisti u jwieġeb aktar malajr. Peress li l-ilmenti dwar il-mistoqsijiet tat-test tar-raġunament (it-taqsim 8.2.) iridu jiġu indirizzati pjuttost malajr, l-EP SO se jwieġeb għal dawn l-ilmenti bil-lingwa 2 tal-kandidat ikkonċernat.
 - (c) Kwalunkwe mistoqsija oħra lill-EP SO tista' tiġi sottomessa (permezz tal-[formola ta' kuntatt online](#)) bi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE. L-EP SO se jwieġeb b'waħda mil-lingwi li bihom il-kandidat indika li jixtieq jirċievi tweġiba.

4.3. Applikazzjoni

- (1) Din hija sejħa miftuħa għal Espressjoni ta' interess, u **ma hemm l-ebda skadenza għall-applikazzjoni** sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fuq is-[sit web tal-EP SO](#). Il-kandidati jistgħu japplikaw f'kull ħin għal kull profil jew grupp ta' funzjonijiet li għalihom ikunu eliġibbli. Il-kandidati jistgħu jerġgħu jifthi, jibdlu u jivvalidaw l-applikazzjoni(jiet) f'kull ħin.
- (2) Biex japplikaw, il-kandidati jeħtieġ li jkollhom profil tal-EP SO. Il-kandidati li għad ma għandhomx profil tal-EP SO, jeħtieġ li joħolqu wieħed. L-istruzzjonijiet dwar kif toħloq profil huma disponibbli fuq is-[sit web tal-EP SO](#).
- (3) Jista' jinħoloq profil personali wieħed biss tal-EP SO għall-applikazzjonijiet kollha - għall-kompetizzjonijiet u għall-proċeduri kollha ta' selezzjoni - inklużi l-proċeduri ta' selezzjoni tal-CAST Permanenti. Il-ħolqien ta' aktar minn profil wieħed tal-EP SO jista' jwassal għal esklużjoni temporanja (ara t-taqsim 7).
- (4) Il-kandidati jridu [japplikaw online](#) mis-sit web tal-EP SO.

- (5) Il-kandidati huma mħeġġa jinkludu kemm jista' jkun dettalji rilevanti dwar il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom.
- (6) Il-kandidati għall-profil lingwistiċi jridu jagħżlu l-lingwa fil-mira tagħhom bħala l-lingwa 1. Pereżempju, it-tradutturi fil-lingwa Ġermaniża jew il-qarrejja tal-provi ta' dik il-lingwa jridu jagħżlu l-Ġermaniż bħala l-lingwa 1 tagħhom.
- (7) Meta japplikaw għall-profil ta' "Ġestjoni tal-bini" (EPSO/CAST/P/23/2022, EPSO/CAST/P/24/2022 u EPSO/CAST/P/25/2022), il-kandidati huma mistiedna jużaw il-kodiċijiet tekniċi elenkati f' [Anness III](#) sabiex jirreferu għall-ispeċjalitajiet tekniċi u jenfasizzaw il-ħiliet tagħhom. Dawn il-kodiċijiet jistgħu jintużaw fit-tabs tal-applikazzjoni "Edukazzjoni u Taħriġ" u "Esperjenza Professionali".
- (8) Biex jindikaw li għadhom interessati fil-proċeduri ta' selezzjoni tas-CAST Permanenti, il-kandidati jridu **jagħgornaw l-applikazzjoni(jiet) tagħhom tal-anqas darba kull 6 xhur**. Il-kandidati jistgħu jġeddu l-interess tagħhom jew billi jimmodifikaw l-applikazzjoni(jiet) jew sempliċiment billi jikkonfermaw l-interess tagħhom. Ladarba tagħmel dan, tiġi tidher data ta' validità ġdida.
- (9) Jekk kandidat jonqos milli jġedded l-interess tiegħu fil-ħin, is-servizzi ta' reklutaġġ ma jkunux jistgħu jibqgħu jaraw id-dettalji tiegħu. Madankollu, id-*data* tal-kandidat se tibqa' fis-sistema, u se jkun jista' jagħgomaha u jġedded l-interess tiegħu fi kwalunkwe ħin.

4.4. Preselezzjoni/tqegħid fuq lista preliminari mis-servizzi ta' reklutaġġ

- (1) Kif ikun hemm bżonn, is-servizzi ta' reklutaġġ se jfittxu fil-grupp ta' applikazzjonijiet u se jpoġġu fuq il-lista preliminari ċertu ammont ta' kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom, abbażi tal-informazzjoni fl-applikazzjonijiet tagħhom.
- (2) Il-kandidati jistgħu jkunu preselezzjonati minn servizzi ta' reklutaġġ differenti għall-istess profil u/jew grupp ta' funzjonijiet jew profili u/jew grupp ta' funzjonijiet differenti.

4.5. Testijiet ta' selezzjoni organizzati mill-EPPO

- (1) Il-kandidati mpoġġija fuq il-lista preliminari mis-servizzi ta' reklutaġġ se jiġu mistiedna jagħmlu sensiela ta' testijiet tar-raġunament f'format ta' mistoqsijiet b'għażla multipla. Il-kandidati se jagħmlu dawn it-testijiet bil-lingwa 1 tagħhom.
- (2) L-istedina/istedniet għat-testijiet organizzati mill-EPPO, l-ittri bir-riżultati tat-testijiet kif ukoll informazzjoni importanti oħra se jintbagħtu fil-profil tal-EPPO tal-kandidat.
- (3) Il-kandidati jridu jiċċekkjaw il-profil tal-EPPO tagħhom tal-anqas **kull 3 ijiem kalendarji**. Jekk kandidat ma jkunx jista' jagħmel dan minħabba problema teknika min-naħa tal-EPPO, irid jinnotifika lill-EPPO immedjatament permezz tal-[formola ta' kuntatt online](#).
- (4) It-testijiet tar-raġunament jinkludu tliet partijiet:
 - (a) Test tar-raġunament verbali biex jivvaluta l-ħila tal-kandidati li jaħsbu b'mod loġiku u jifhmu l-informazzjoni verbali;
 - (b) Test tar-raġunament numeriku biex jivvaluta l-ħila tal-kandidati li jaħsbu b'mod loġiku u jifhmu l-informazzjoni numerika;

- (c) Test tar-raġunament astratt biex jivvaluta l-ħila tal-kandidati li jaħsbu b'mod loġiku u jifhmu r-relazzjonijiet bejn il-kunċetti.

- (5) It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar kull tip ta' test.

It-test	Numru ta' mistoqsijiet	Durata	Punteġġ minimu
Raġunament verbali	20	35 minuta	10/20
Raġunament numeriku	10	20 minuta	Flimkien 10/20
Raġunament astratt	10	10 minuti	

- (6) Sabiex kandidat jgħaddi mit-testijiet tar-raġunament, irid milli-inqas jilħaq il-punteġġ minimu meħtieġ għat-test tar-raġunament verbali **kif ukoll** il-punteġġ ikkombinat minimu meħtieġ għat-testijiet tar-raġunament numeriku u astratt.
- (7) Jekk kandidat jgħaddi, ir-riżultati jibqgħu validi għal 10 snin (li jibdew jgħoddu mid-data li fiha r-riżultati jiġu ppubblikati fil-profil tal-EPPO tal-kandidat), għall-istess grupp ta' funzjonijiet u għal grupp(i) ta' funzjonijiet ta' livell aktar baxx fil-profil kollha.
- (8) Jekk kandidat ma jgħaddix, is-servizzi ta' reklutaġġ ma jkunux jistgħu jerġgħu jistiednu lil dak il-kandidat għal testijiet tar-raġunament għall-istess grupp ta' funzjonijiet jew għal grupp ta' funzjonijiet ta' livell oġġla għal **6 xhur** (li jibdew jgħoddu mid-data li fiha r-riżultati jkunu ġew ippubblikati fil-profil tal-EPPO tal-kandidat). Madankollu, matul dan il-perjodu, il-kandidat xorta jista' jiġi mistieden jagħmel it-testijiet tar-raġunament għal grupp ta' funzjonijiet aktar baxx.
- (9) L-iskadenza tal-perjodu ta' 6 xhur imsemmi hawn fuq ma tintitolax awtomatikament lill-kandidat biex jerġa' jagħmel it-testijiet. Il-kandidat se jiġi mistieden jerġa' jagħmel it-testijiet biss jekk is-servizzi ta' reklutaġġ jagħżlu minn qabel għall-istess pożizzjoni vakanti jew oħra.
- (10) Il-mod ta' kif se jsiru t-testijiet kif ukoll dettalji u struzzjonijiet oħra neċessarji se jiġu speċifikati fl-ittri ta' stedina għat-testijiet.
- (11) Biex iwettqu t-testijiet, il-kandidati jridu jagħmlu appuntament għat-test skont l-istruzzjonijiet li jkunu rċewew mill-EPPO. Il-kandidati ġeneralment jiġu offruti għażla ta' dati. Il-perjodi ta' prenotazzjoni u ttestjar huma limitati.
- (12) Kandidat li jonqos milli jibbukja u/jew jagħmel it-testijiet ma jiġix mistieden mill-ġdid awtomatikament. Madankollu, l-applikazzjoni tal-kandidat tibqa' valida sakemm jikkonferma l-interess tiegħu fl-applikazzjoni kkonċernata jew jaġġornaha tal-anqas kull sitt xhur. Kandidat jista' jkun li jiġi mistieden mill-ġdid għal test jekk jerġa' jiġi preselezzjonat minn servizz ta' reklutaġġ.

4.6. Intervisti u/jew testijiet ta' reklutaġġ organizzati mis-servizzi ta' reklutaġġ

- (1) Il-kandidati li jgħaddu mit-testijiet tar-raġunament se jiġu mistiedna għal intervista u/jew għal testijiet oħra organizzati mis-servizzi ta' reklutaġġ.
- (2) Il-kandidati jistgħu jiġu mistiedna kemm-il darba jkunu jridu s-servizzi ta' reklutaġġ differenti għal intervista (u/jew għal aktar testijiet) għal pożizzjonijiet vakanti tal-istess grupp ta' funzjonijiet li għalihom ikun inrexxielhom jgħaddu mit-testijiet tar-raġunament jew għal grupp ta' funzjonijiet ta' livell aktar baxx, mingħajr ma jkollhom jerġgħu jagħmlu t-testijiet tar-raġunament.

- (3) L-intervisti/it-testijiet ta' reklutaġġ għandhom l-għan li jivvalutaw kemm il-kandidat huwa adatt għall-pożizzjoni rilevanti u jistgħu jieħdu l-forma ta' eżami bil-miktub jew orali, test prattiku jew simulazzjoni. L-għarfien tal-lingwi jista' jiġi vvalutat ukoll.
- (4) Is-servizzi ta' reklutaġġ huma responsabbli għall-ġestjoni ta' dawn l-intervisti/it-testijiet u tal-proċeduri relatati. Huma se jinfurmaw lill-kandidati dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' dawn l-intervisti/it-testijiet bil-quddiem. L-istediniet għal intervisti/testijiet u informazzjoni rilevanti oħra se jintbagħtu mis-servizzi ta' reklutaġġ fl-indirizz elettroniku indikat fil-profil tal-EPSO tal-kandidat.
- (5) Meta jiġu mistiedna għal testijiet ta' reklutaġġ, il-kandidati jistgħu jintalbu jipprovdu dokumenti ta' sostenn oriġinali biex jagħtu prova li l-informazzjoni fl-applikazzjoni(jiet) tagħhom hija preċiża. Is-servizz ta' reklutaġġ se jivvaluta jekk il-kandidat jissodisfax ir-rekwiżiti rilevanti tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni billi jqabbel id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-formola tal-applikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn ipprovduti mill-kandidat.

5. REKLUTAĠĠ

- (1) Il-kandidati li jkollhom suċċess fl-istadji msemmija fit-Taqsima 4 fuq jistgħu jirċievu offerta ta' impjieg formali.
- (2) Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal bil-kuntratt huma rregolati mill-[Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea \(CEOS\) u mir-Regolamenti tal-Persunal \(SR\)](#). Ir-reklutaġġ u l-kuntratti offruti lill-kandidati li jkollhom suċċess se jkunu soġġetti wkoll għar-regoli speċifiċi applikabbli għal servizz ta' reklutaġġ partikolari.
- (3) Skont is-servizz ta' reklutaġġ, kandidat jista' jiġi offrut wieħed mit-tipi ta' kuntratt li ġejjin:
 - (a) Kuntratt "3a" (ara l-Artikolu 3a tas-[CEOS](#)), li jista' jwassal għal kuntratt indefinit. Dawn il-kuntratti jistgħu jiġu offruti fil-kwartieri ġenerali tal-Istituzzjonijiet tal-UE (grupp ta' funzjonijiet I), l-Uffiċċji għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell u fil-Lussemburgu (OIB, OIL), l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO), l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO), l-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA), l-aġenziji Ewropej u r-rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, id-delegazzjonijiet u l-uffiċċji tal-Unjoni Ewropea madwar id-dinja.
 - (b) Kuntratt "3b" (ara l-Artikolu 3b tas-[CEOS](#)): kuntratt b'terminu fiss għal perjodu massimu ta' 6 snin. Dawn il-kuntratti jistgħu jiġu offruti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (OP).
- (4) Il-kuntratti se jkunu offruti prinċipalment għal pożizzjonijiet fi Brussell u fil-Lussemburgu. Għadd limitat ta' kuntratti jista' jkun disponibbli f'lokaltajiet oħra tal-UE u fid-delegazzjonijiet jew fl-uffiċċji tal-UE mad-dinja kollha. L-aġenti kuntrattwali fid-delegazzjonijiet u fl-uffiċċji tal-UE jistgħu jkunu soġġetti għal regoli ta' politika ta' mobilità.
- (5) F'ċerti każijiet, ir-reklutaġġ ta' aġent kuntrattwali jista' jkun soġġett għall-fatt li kandidat jikseb jew ikollu approvazzjoni tas-sigurtà li tippermetti aċċess għal informazzjoni klassifikata fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew oġġla.

6. OPPORTUNITAJIET INDAQS U AKKOMODAMENT RAĠONEVOLI

- (1) L-EPSO u s-servizzi ta' reklutaġġ japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs mingħajr distinzjoni abbażi ta' ġeneru, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità,

età jew orjentazzjoni sesswali.

- (2) Il-kandidati li għandhom diżabilità jew kundizzjoni medika li tista' taffettwa l-kapaċità tagħhom li jwettqu t-testijiet għandhom jindikaw dan fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom u jsegwu l-proċedura biex jitolbu akkomodament raġonevoli. Aktar informazzjoni dwar il-politika ta' opportunitajiet indaqs tal-EPPO u kif jista' jintalab akkomodament raġonevoli tinsab fuq is-[sit web tal-EPPO](#). Għal aktar informazzjoni jew f'każ ta' kwistjonijiet tekniċi, il-kandidati huma mistiedna jikkuntattjaw lit-tim tal-aċċessibilità tal-EPPO permezz ta' posta elettronika fuq EPPO-Accessibility@ec.europa.eu.
- (3) Wara li jkun eżamina t-talba tal-kandidati kif ukoll id-dokumenti ta' sostenn rilevanti, l-EPPO jista' jikkonċedi akkomodament raġonevoli fejn jitqies meħtieġ u ġġustifikat.
- (4) Il-kandidati mistiedna għal intervisti u/jew għal testijiet organizzati mis-servizzi ta' reklutaġġ għandhom jinformaw direttament lis-servizzi ta' reklutaġġ dwar ir-rekwiżiti ta' akkomodament raġonevoli tagħhom. Id-deċiżjoni dwar kwalunkwe akkomodament raġonevoli bħal dan se tittieħed mis-servizz ta' reklutaġġ f'konsultazzjoni mill-qrib mal-kandidat.

7. SKWALIFIKA U ESKLUŻJONI TEMPORANJA

- (1) Il-ħolqien ta' aktar minn profil wieħed tal-EPPO jista' jwassal għal esklużjoni temporanja mill-proċeduri ta' selezzjoni tas-CAST Permanenti billi l-applikazzjonijiet tal-kandidat jiġu ssettjati għall-istatus "mhux disponibbli" għal sena.
- (2) Barra minn hekk, kandidat jista' jiġi skwalifikat jew eskluż temporanjament mill-proċedura ta' selezzjoni jekk f'xi stadju jiġi stabbilit li l-kandidat:
 - (a) għamel dikjarazzjonijiet foloz jew mhux sostnuti;
 - (b) qarraq waqt it-testijiet;
 - (c) ipprova jikkuntattja membru tal-bord tas-selezzjoni b'mod mhux awtorizzat.
- (3) Il-kandidati għar-reklutaġġ mill-istituzzjonijiet tal-UE huma mistennija li jaġixxu bl-akbar integrità possibbli. Frodi jew tentattivi ta' frodi jistgħu jesponu lill-kandidati għal pieni u jikkompromettu l-eliġibbiltà tagħhom.

8. TĦASSIB U RIMEDJI

8.1. Kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi

- (1) Jekk f'xi fażi tal-proċedura ta' selezzjoni, il-kandidati jiltaqqgħu ma' problema teknika jew organizzazzjonali serja, għandhom jinformaw lill-EPPO permezz tal-[formola ta' kuntatt online](#).
- (2) Jekk il-problema sseħħ waqt l-ittestjar mill-bogħod, kandidat għandu:
 - (a) javża lill-inviġilaturi jew jinforma minnufih punt ta' kuntatt/ta' appoġġ iddedikat sabiex tkun tista' tinstab soluzzjoni fil-pront,
 - (b) jitlob lill-inviġilaturi jirreġistraw l-ilment bil-miktub jew jissottomettuh permezz ta' punt ta' kuntatt/appoġġ iddedikat, **u**

- (c) fi żmien **jum kalendarju wieħed** (jiġifieri, sal-aħħar tal-jum li jiġi wara l-jum tat-testijiet), jikkuntattja lill-EPPO permezz tal-[formola ta' kuntatt online](#), filwaqt li jaġġi deskrizzjoni qasira tal-problema.

8.2. Ilmenti dwar mistoqsijiet tat-test tar-raġunament

- (1) Il-kandidati li jqisu li għandhom raġunijiet tajbin biex jemmnu li żball f'waħda mill-mistoqsijiet fit-testijiet tar-raġunament jew f'aktar minn waħda affettwa l-kapaċità tagħhom li jwieġbu, jistgħu jitolbu r-reviżjoni tal-mistoqsija/mistoqsijiet ikkonċernata/ikkonċernati.
- (2) Il-mistoqsija tat-test li jkun fiha żball tista' tiġi annullata mill-EPPO u jistgħu jiġu applikati miżuri korrettivi.
- (3) Biex iressaq ilment dwar il-mistoqsija/mistoqsijiet tat-test tar-raġunament, kandidat għandu:
 - (a) jikkuntattja lill-EPPO permezz tal-[formola ta' kuntatt online](#) fi żmien **jum kalendarju wieħed** (jiġifieri, sal-aħħar tal-jum li jiġi wara l-jum tat-testijiet),
 - (b) jiddeskrivi l-mistoqsija/mistoqsijiet ikkonċernata/ikkonċernati bl-aktar mod preċiż possibbli, u
 - (c) jispjega n-natura tal-allegat(i) żball/żbalji.
- (4) L-ilmenti mressqa wara l-iskadenza jew l-ilmenti li ma jiddeskrivux b'mod ċar il-mistoqsija/mistoqsijiet ikkontestata/ikkontestati u l-allegat(i) żball/żbalji ma humiex se jitqiesu. L-ilmenti li sempliċiment isemmu allegati kwistjonijiet ta' traduzzjoni, mingħajr ma jispeċifikaw il-problema, mhux se jiġu kkunsidrati.

8.3. Ilmenti amministrattivi

- (1) Kandidat jista' jippreżenta lment amministrattiv skont l-Artikolu 117 tas-[CEOS](#) li jinqara flimkien mal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, kontra deċiżjoni, jew nuqqas tagħha, li taffettwa direttament u immedjatament l-istatus legali tiegħu/tagħha bħala kandidat.
- (2) L-ilment jista' jiġi indirizzat kontra n-nuqqas ta' deċiżjoni f'dawk il-każijiet li fihom ikun hemm obbligu li tittieħed deċiżjoni fi żmien skadenza speċifikata fis-[CEOS](#).
- (3) L-għan tal-proċedura tal-ilmenti amministrattivi huwa li tivverifika jekk ġiex rispettata il-qafas legali tal-proċedura ta' selezzjoni.
- (4) L-ilment għandu jitressaq sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri, **3 xhur**, li jibdeu jgħoddu min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata jew mid-data li fiha kellha tittieħed id-deċiżjoni. Il-kandidat għandu jindika d-deċiżjoni jew in-nuqqas ta' deċiżjoni li jixtieq jikkontesta u r-raġunijiet għall-kontestazzjoni.
- (5) Id-Direttur tal-EPPO għandu jaġixxi bħala l-Awtorità Mogħtija s-Setgħa biex Tikkonkludi Kuntratti ta' Impjieġ (AECE) skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tas-[CEOS](#) fir-rigward ta' kwalunkwe lment kontra deċiżjonijiet jew in-nuqqas tagħhom sa fejn dawn ikunu relatati mal-istadji tal-applikazzjoni u tal-ittestjar organizzati mill-EPPO.
- (6) Is-servizz ta' reklutaġġ li jwettaq preselezzjoni (tqegħid fuq lista preliminari) skont il-bażi tad-*data* tas-CAST Permanenti huwa l-AECE għall-istadji kollha tal-proċedura mhux elenkati fil-paragrafu preċedenti. Kull servizz ta' reklutaġġ jiddetermina min fl-organizzazzjoni tiegħu jeżerċita s-setgħat tal-AECE fir-rigward

tal-ilmenti kontra deċiżjonijiet jew in-nuqqas ta' għom b'rabta mal-preselezzjoni (tqegħid fuq lista preliminari), kif ukoll intervisti/testijiet u proċeduri ta' reklutaġġ.

- (7) Biex iressaq ilment amministrattiv kontra deċiżjonijiet meħuda mill-EPPO (jew kontra n-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni), kandidat għandu jikkuntattja lill-EPPO permezz tal-[formola ta' kuntatt online](#).
- (8) L-ilmenti amministrattivi kontra deċiżjonijiet meħuda mis-servizzi ta' reklutaġġ (jew kontra n-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni), jistgħu jitressqu b'wieħed mill-modi li ġejjin:
 - (a) Permezz tal-EPPO, kif speċifikat fil-paragrafu preċedenti, jew
 - (b) Direttament lis-servizz ta' reklutaġġ rilevanti f'konformità mar-regoli ddeterminati minn dak is-servizz.
 - (c) L-ilmenti amministrattivi li jaslu wara l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal se jitqiesu inammissibbli.

8.4. Appelli ġudizzjarji

- (1) Il-kandidati għandhom id-dritt li jressqu appell ġudizzjarju quddiem il-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 117 tas-[CEOS](#) li jinqara flimkien mal-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.
- (2) L-appelli ġudizzjarji kontra deċiżjonijiet meħuda fil-qafas tal-proċeduri ta' selezzjoni tal-CAST Permanenti jridu jkunu preċeduti minn ilment amministrattiv.
- (3) L-informazzjoni kollha dwar l-appelli ġudizzjarji tista' tinstab fuq is-[sit web tal-Qorti Ġenerali](#).

8.5. Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew

- (1) Iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE jistgħu jressqu lment lill-Ombudsman Ewropew dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina.
- (2) L-ilmenti ppreżentati quddiem l-Ombudsman ma għandhom l-ebda effett sospensiv fuq l-iskadenzi stabbiliti għat-tressiq ta' talbiet, ilmenti, jew appelli ġudizzjarji msemmija f'dawn ir-regoli.
- (3) L-informazzjoni kollha dwar l-ilmenti lill-Ombudsman tista' tinstab fuq is-[sit web iddedikat](#).

9. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

Il-kandidati li jkunu għamli t-testijiet organizzati mill-EPPO qabel April 2023 u li jkun irnexxielhom jgħaddu mit-testijiet ta' kompetenza u/jew ta' ħila lingwistika se jkollhom ir-riżultati ta' dawk it-testijiet murija sa tmiem il-validità ta' għom, jgħid 5 snin li jibdew jgħoddu min-notifika ta' dawk ir-riżultati fil-profil tal-EPPO tal-kandidat.

ANNESS I. Dmirijiet tipiċi

EPSO/CAST/P/1/2017 - FINANZI - FG III

1. Inizjazzjoni u/jew verifika finanzjarji, appoġġ finanzjarju.
2. Appoġġ fil-qafas ta' sejħiet għal proposti/offerti.
3. Ġestjoni ta' informazzjoni finanzjarja.
4. Appoġġ għall-ġestjoni tal-kontabilità.
5. Appoġġ għall-ġestjoni tal-awditjar.

EPSO/CAST/P/2/2017 - FINANZI - FG IV

1. Ippjanar u s-segwitu għall-baġit/finanzi.
2. Informazzjoni u rapportar dwar il-baġit/finanzi.
3. Koordinament u pariri finanzjarji/baġitarji.
4. Analiżi u rapportar finanzjarji/baġitarji.
5. Analiżi u appoġġ tal-awditjar.

EPSO/CAST/P/3/2017 - ĠESTJONI TAL-PROĠETTI/PROGRAMMI - FG III

1. Il-ġestjoni tal-proġetti/programmi, inkluż l-ippjanar, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-għeluq tal-proġett u attivitajiet ta' wara l-proġett.
2. Infiq finanzjarju.
3. Ġestjoni u evalwazzjoni tal-kwalità.
4. Komunikazzjoni esterna.

EPSO/CAST/P/4/2017 - ĠESTJONI TAL-PROĠETTI/PROGRAMMI - FG IV

1. Sejħiet għall-proposti u sejħiet għall-offerti: promozzjoni, evalwazzjoni u negozjar.
2. Il-ġestjoni tal-proġetti/programmi, inkluż l-ippjanar, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-għeluq tal-proġett u attivitajiet ta' wara l-proġett.
3. Komunikazzjoni interna u esterna u tixrid ta' informazzjoni.
4. Koordinazzjoni u konsultazzjoni interna.
5. Rappreżentazzjoni u koordinazzjoni esterna.

EPSO/CAST/P/5/2017 - FINANZI - FG II

1. It-tnejn ta' fajls finanzjarji u l-aġir bħala aġent li jagħti bidu fiċ-ċirkwiti finanzjarji.
2. L-għoti ta' assistenza klerikali u amministrattiva relatata ma' sejħiet għal proposti/offerti.
3. L-għoti ta' appoġġ fl-ipproċessar ta' informazzjoni finanzjarja u tar-rapportar finanzjarju.
4. L-assistenza fil-proċessi ta' kontabilità.
5. L-assistenza f'kompiti relatati mal-awditjar, bħall-appoġġ klerikali għall-awdituri, l-iffajljar, eċċ.

EPSO/CAST/P/6/2017 - SEGRETARJI/SKRIVANI - FG II

1. Kompiti ta' segretarjat relatati mal-organizzazzjoni tal-laqqgħat, it-tnejn ta' vjaġġi ta' negozju u affarijiet simili.
2. It-trażmissjoni u l-iffajljar ta' dokumenti u korrisondenza, il-monitoraġġ tal-korrisondenza, iż-żamma ta' djarju bl-appuntamenti, il-ġestjoni tal-inbox tal-posta elettronika, eċċ.
3. Assistenza fl-abbozzar (memos, noti, minuti tal-laqqgħat, eċċ.).
4. Assistenza fil-koordinazzjoni u l-ippjanar tax-xogħol.

5. L-ipproċessar tal-kliem u l-finalizzazzjoni tad-dokumenti (eż. it-tqassim tal-paġna, l-ifformattjar, it-tabelli).
6. Diversi kompiti amministrattivi assoċjati mal-ġestjoni tal-fajls.

EPSO/CAST/P/7/2017 - AMMINISTRAZZJONI / RIŻORSI UMANI - FG II

1. L-assistenza fil-fajls tas-selezzjoni u r-reklutaġġ: it-tnedija ta' sejħiet u pubblikazzjonijiet, ir-riċeviment u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, l-organizzazzjoni ta' bordijiet tas-selezzjoni, is-segwitu tax-xogħol tal-bordijiet tas-selezzjoni.
2. L-assistenza fit-tnejja ta' rapportar perjodiku u l-analiżi tad-*data* dwar is-selezzjoni u r-reklutaġġ tal-persunal.
3. Għajnuna fil-monitoraġġ tal-pjan ta' stabbiliment: il-monitoraġġ ta' pożizzjonijiet vakanti, koordinazzjoni mas-servizzi inkarigati mir-reklutaġġ ta' kategoriji tal-persunal differenti; talbiet għall-awtorizzazzjoni biex jiġu ppubblikati avviżi ta' pożizzjoni vakanti.
4. L-appoġġ għal kompiti ta' tnejja u ta' segwitu f'attivitajiet ta' apprendiment u ta' żvilupp abbażi ta' prijoritajiet strateġiċi identifikati mill-maniġment.

EPSO/CAST/P/8/2017 - AMMINISTRAZZJONI / RIŻORSI UMANI - FG III

1. Il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi u tal-ġestjoni tar-riżorsi umani.
2. Il-kontribut għall-ġestjoni ta' fajls ta' selezzjoni u ta' reklutaġġ: l-abbozzar ta' avviżi ta' pożizzjoni vakanti, it-tnedija ta' sejħiet u pubblikazzjonijiet, l-analiżi tal-applikazzjonijiet u d-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tagħhom, l-organizzazzjoni u s-segwitu fuq il-bordijiet tas-selezzjoni, it-tnejja tad-dokumenti ta' reklutaġġ.
3. Għajnuna fit-tnejja u fis-segwitu ta' rapportar perjodiku u analiżi tad-*data* dwar is-selezzjoni u r-reklutaġġ tal-persunal.
4. Għajnuna fit-tnejja, it-tnedija u s-segwitu ta' eżerċizzji ta' promozzjoni u riklassifikazzjoni.
5. Il-kontribut għall-komunikazzjoni dwar il-politiki ta' taħriġ.
6. Il-kontribut għat-tfassil ta' attivitajiet ġodda ta' apprendiment u żvilupp abbażi tal-prijoritajiet strateġiċi identifikati mill-maniġment

EPSO/CAST/P/9/2017 - AMMINISTRAZZJONI / RIŻORSI UMANI - FG IV

1. Il-kontribut għall-istabbiliment, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni.
2. Il-ġestjoni u s-superviżjoni tal-fajls tas-selezzjoni u tar-reklutaġġ.
3. It-tnejja ta' sessjonijiet ta' tagħrif u dokumenti oħra fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani.
4. Il-koordinazzjoni tar-rapportar perjodiku u l-analiżi tad-*data*.
5. Is-superviżjoni u l-verifika tal-impenji legali u finanzjarji f'konformità mar-regoli finanzjarji applikabbli.
6. It-twassil ta' preżentazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mar-riżorsi umani.

EPSO/CAST/P/10/2017 - KOMUNIKAZZJONI - FG III

1. Il-kontribut għall-implimentazzjoni u l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' komunikazzjoni dwar prijoritajiet u proġetti ta' komunikazzjoni.
2. L-iżgurar tal-produzzjoni editorjali: il-produzzjoni ta' skedi informattivi, l-aġġornament tas-siti tal-intranet, eċċ.
3. Il-kontribut għall-produzzjoni/koerenza viżiva ta' strixxuni, pubblikazzjonijiet u materjal ta' promozzjoni.
4. L-assistenza fil-ġestjoni tal-proġetti fil-qasam tal-komunikazzjoni.
5. Il-kollaborazzjoni għas-segwitu tal-proġetti permezz tal-media soċjali

6. Il-kontribut għat-tnejn ta' sessjonijiet ta' tagħrif u dokumenti oħra relatati mal-komunikazzjoni ta' prijoritajiet politiċi.
7. L-organizzazzjoni u s-segwitu tal-laqqgħat tal-ippjanar, internament u ma' kuntratturi esterni.

EPSO/CAST/P/11/2017 - KOMUNIKAZZJONI - FG IV

1. L-istabbiliment, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' komunikazzjoni.
2. It-tnejn ta' sessjonijiet ta' tagħrif u dokumenti oħra relatati mal-komunikazzjoni ta' prijoritajiet politiċi.
3. Is-supervizzjoni u l-verifika tal-impenji legali u finanzjarji f'konformità mar-regoli finanzjarji applikabbli.
4. L-iżgurar tal-koordinazzjoni u tal-kooperazzjoni mal-unitajiet/mas-servizzi ta' komunikazzjoni rilevanti rigward il-prijoritajiet politiċi.
5. L-għoti ta' pariri u l-koordinazzjoni mas-servizzi abbażi tal-istrateġiji annwali tal-komunikazzjoni tagħhom.
6. L-għoti ta' preżentazzjonijiet dwar aspetti ewlenin tal-attività tal-proġett u r-risultati u l-kontribut għal azzjonijiet ta' tixrid għal udjenzi interni u esterni.
7. L-organizzazzjoni, it-tnejn, l-arranġament u t-tmexxija ta' laqqgħat u konferenzi dwar il-prijoritajiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fl-istituzzjoni u barra minnha.
8. Is-segwitu ta' proġetti permezz tal-media soċjali

EPSO/CAST/P/12/2017 - AFFARIJET POLITIĊI/POLITIKI TAL-UE - FG III

1. Il-kontribut għas-segwitu tal-iżviluppi tal-politika u l-iżgurar ta' kollegament u kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti.
2. Il-kontribut għar-rapporti, id-dokumenti ta' tagħrif, u n-noti għad-diskorsi.
3. Il-kontribut għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet u l-petizzjonijiet orali jew bil-miktub ippreżentati mill-membri tal-Parlament Ewropew.
4. Il-kontribut għat-tnejn u s-segwitu ta' laqqgħat mal-partijiet ikkonċernati, u t-tfassil ta' konklużjonijiet ta' politika.
5. Ir-rappreżentazzjoni tal-istituzzjoni/is-servizz f'avvenimenti u laqqgħat interni, interistituzzjonali jew esterni rilevanti għas-servizz.

EPSO/CAST/P/13/2017 - AFFARIJET POLITIĊI/POLITIKI TAL-UE - FG IV

1. Il-monitoraġġ, l-analiżi u r-rapportar dwar is-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali f'pajjiż/reġjun speċifiku.
2. Is-segwitu dwar il-politiki reġjonali, barranin u multilaterali tal-pajjiż/reġjun speċifiku.
3. L-ifformular u l-kontribut għad-definizzjoni tal-oġettivi politiċi, il-prijoritajiet u l-politiki tal-UE dwar relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi, umanitarji jew ta' xorta oħra f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra.
4. Il-koordinazzjoni u l-kontribut għat-tnejn ta' żjarat ta' livell għoli u missjonijiet, laqqgħat *ad hoc*, kuntatti ma' pajjiżi terzi, is-soċjetà ċivili, eċċ.
5. L-abbozzar u s-segwitu dwar dokumenti ta' politika, dokumenti strateġiċi, atti legali, diskorsi, stqarrijiet u dokumenti oħra.
6. L-abbozzar ta' tweġibiet għal mistoqsijiet orali jew bil-miktub u petizzjonijiet imressqa mill-membri tal-Parlament Ewropew.
6. L-iżgurar tal-koerenza tal-azzjonijiet u l-politiki tal-UE fil-pajjiż speċifiku bil-kontribut u bil-parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet interservizzi dwar il-komunikazzjonijiet uffiċjali, id-dokumenti ta' politika, u dokumenti ta' ħidma interni tal-istituzzjonijiet tal-UE.
7. Il-kontribut għar-rappreżentanza tal-istituzzjoni/tas-servizz f'laqqgħat fil-livell interistituzzjonali u internazzjonali (eż. gruppi konsultattivi) li jikkonċernaw iż-żona assenjata.

8. Il-kontribut għal negozjati ta' ftehimiet internazzjonali.

EPSO/CAST/P/14/2017 - LIĠI - FG III

1. Il-kontribut għall-istudji u r-riċerka fid-dritt nazzjonali, tal-UE u internazzjonali.
2. Il-kontribut għall-analiżi u t-tnejn ta' abbozzi ta' opinjonijiet u noti legali.
3. L-eżami ta' fajls ta' qabel il-litigazzjoni (ilmenti, eċċ.), it-tnejn ta' dikjarazzjonijiet ta' pożizzjoni u t-twettiq ta' kompiti oħrajn relatati ma' proċedimenti tal-qorti.
4. It-tnejn ta' dokumenti relatati mal-attivitajiet tal-istituzzjoni, korpi preparatorji, u kumitati speċjali.

EPSO/CAST/P/15/2017 - LIĠI - FG IV

1. L-iżgurar taċ-ċertezza legali, il-kwalità tal-abbozzar, u l-konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli.
2. L-assistenza fir-rappreżentanza tal-istituzzjoni f'tilwim u f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
3. L-għoti ta' pariri u opinjonijiet bil-miktub jew bil-fomm dwar mistoqsijiet legali, istituzzjonali u proċedurali.
4. L-analiżi u l-abbozz ta' ħidma kunċettwali, studji u analiżi legali.
5. L-abbozzar tat-tweġibiet għat-talbiet tal-persunal u għall-ilmenti.

EPSO/CAST/P/16/2017 - TEKNOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U L-KOMUNIKAZZJONI - FG III

1. Il-kontribut għall-iżvilupp tas-sistemi tal-informazzjoni u l-analiżi ta' proċessi tax-xogħol.
2. L-assistenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-bażijiet tad-*data*.
3. L-użu ta' lingwi tal-ipprogrammar bħal JAVA, Visual Basic, Visual C#, Powerbuilder, ASP.NET, C++, ColdFusion, eċċ.
4. Interfaċċi tal-applikazzjonijiet ibbażati fuq il-web.
5. L-iżgurar tal-amministrazzjoni tal-ambjent tal-utenti (konfigurazzjoni, amministrazzjoni u assistenza tas-sistemi operattivi, għodda tal-uffiċċju, printers u riżorsi kondiviżi oħra f'ambjent ta' network).
6. Il-kontribut għall-iżvilupp u l-ġestjoni ta' siti web u paġni HTML, XML u UML (lingwi tal-ipprogrammar bħal Java, ASP.NET, PHP u ColdFusion).
7. L-amministrazzjoni ta' web servers (bħal Planet Web Server, Microsoft Internet Information Server, ColdFusion Server, applikazzjonijiet Oracle BEA WebLogic, Apache Server, eċċ.).
8. Il-ġestjoni ta' networks u telekomunikazzjoni (permezz tal-protokollu u servizzi LAN/WAN (DHCP, DNS, HTTP, HTTPS, SNMP, Active Directory)), l-użu ta' teknoloġiji tal-internet għall-implimentazzjoni ta' networks interni jew biex jiġu interkonnessi networks, is-sigurtà tan-networks, l-iżviluppi fil-qasam tat-teknoloġiji VPN, sistemi tat-telefonija/faks, l-integrazzjoni tal-vuċi u d-*data*, il-komunikazzjoni mobbli, bis-satellita u mingħajr fili).
9. Għajnuna bl-organizzazzjoni u s-segwitu ta' proġetti u/jew servizzi operazzjonali fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma.

EPSO/CAST/P/17/2017 - TEKNOĠIJA TAL-INFORMAZZJONI U L-KOMUNIKAZZJONI - FG IV

1. Il-koordinazzjoni, il-ġestjoni u t-tfassil, l-implimentazzjoni u s-superviżjoni ta' proġetti tal-ICT.
2. Il-ġestjoni ta' sistemi, servizzi u s-sigurtà tal-IT.
3. Is-superviżjoni u l-ġestjoni tal-kuntratti u r-relazzjonijiet ma' dipartimenti klijenti u l-fornituri.
4. It-twettiq ta' studji strateġiċi u l-analiżi tal-prodotti fis-suq.

1. Assistent fil-kċina / kok

- 1.1. L-iżgurar tat-tnejjija u d-distribuzzjoni ta' ikliet, ir-rispett tal-iskadenzi f'konformità mal-istandards tal-iġjene u l-kwalità.
- 1.2. It-tnejjija ta' ikel sħun u ikel imservi kiesaħ.
- 1.3. L-iżgurar tat-tneħħija u r-rimi sigur ta' stokk mhux mibjugħ, ippakkjat f'vakwu u ħżin refriġerat (ħżin xott).
- 1.4. It-tqassim ta' ikliet fuq id-diversi linji ta' distribuzzjoni tas-self-service u fir-ristorant à la carte b'mod ottimali u f'waqtu.
- 1.5. Iż-żamma tal-istandards ta' iġjene sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni.

2. Wejter

- 2.1. L-iżgurar tal-forniment tal-ikel f'konformità mar-regoli tal-iġjene u l-istandards ta' kwalità u b'mod f'waqtu
- 2.2. L-iżgurar tat-tnejjija tal-ispazju riżervat (it-tnejjija u l-armar tal-imwejjed).
- 2.2. L-iżgurar tat-tnejjija u l-preżentazzjoni tal-bankijiet tas-servizz ta' ikel.
- 2.4. Il-provvista tal-ikliet u ikel ieħor jew il-provvista tas-servizz ta' kafè.
- 2.5. Għajjnuna fil-bosta kompiti involuti fit-tnejjija tal-ikliet għall-appoġġ tal-kokijiet/tal-persunal tal-kċina.
- 2.6. Iż-żamma tal-kundizzjonijiet tal-iġjene f'konformità mal-prinċipji tal-Analiżi tal-Perikli u Punti Kritiċi ta' Kontroll (HACCP) f'dan il-qasam, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' kontaminazzjoni.

3. Persunal fil-maħżen

- 3.1. Assistenza u għoti ta' pariri lill-klijenti esterni f'dak li għandu x'jaqsam ma' depożiti fuq il-post.
- 3.2. Il-garanzija ta' dħul ta' *data* preċiża.
- 3.3. L-iżgurar li l-proċeduri għal vjeġġi suspettużi, ipprojbti jew privati jiġu segwiti kif suppost.
- 3.4. It-tweqqif ta' tfittxijiet u l-korrezzjoni ta' żbalji.
- 3.5. It-tweqqif ta' kompiti li jinvolvu l-immaniġġar ta' tagħbijiet inertji u semi-tqal.
- 3.6. Il-ġbir u l-għoti ta' statistika.
- 3.7. L-għoti ta' appoġġ loġistiku għall-avvenimenti.
- 3.8. It-tweqqif ta' xogħol ta' manutenzjoni: l-armar, iż-żarmar u r-rilokazzjoni tat-tagħmir meħtieġ għal wirjiet u/jew il-wiri ta' xogħlijiet tal-arti, kif ukoll tagħmir ta' appoġġ u materjali relatati.
- 3.9. L-ibbukkar u d-dispaċċ tal-merkanzija, it-tagħbija u l-ħatt ta' merkanzija bl-użu ta' vetturi.
- 3.10. L-għoti ta' appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni ta' proġetti li jikkonċernaw l-installazzjoni ta' tagħmir u appoġġ tekniku lill-utenti tad-diversi sistemi ta' sikurezza ġenerali.
- 3.11. Il-ġestjoni tal-ordnijiet u l-ippjanar tal-wasla tal-oġġetti (il-wasla tal-oġġetti kkonsenjati u l-verifika tagħhom); it-tagħbija, il-ħatt, l-ippakkjar, it-tneħħija mill-ippakkjar u l-installazzjoni tal-għamara.
- 3.12. It-tweqqif ta' diversi kompiti amministrattivi f'dan il-qasam ta' attività.

4. Persunal tal-istampar

- 4.1. It-tweqqif ta' ħidma kumplessa ta' fotokompożizzjoni fil-lingwi uffiċjali tal-UE.
- 4.2. L-assistenza fit-tnejjija ta' testi u tabelli, bl-użu ta' settings tal-immaġni/folja.
- 4.3. Il-kontribut għad-disinn grafiku.
- 4.4. It-tnejjija tal-ewwel prints u/jew l-oriġinali għall-printers ta' prestazzjoni għolja.
- 4.5. L-assistenza fil-manutenzjoni ta' kuljum tat-tagħmir għall-istampar u fil-ġestjoni ta' testi li jinħażnu fuq il-hard disks.
- 4.6. L-għajjnuna fil-ħolqien u l-aġġornament ta' software għall-ħolqien ta' tqassim u t-trażmissjoni ta' testi b'mod elettroniku.

- 4.7. L-assemblaġġ u t-tnejnija tal-folji għall-offset.
- 4.8. L-istampar u t-tnejnija ta' dokumenti, speċjalment fuq offset u f'format żgħir jew medju.
- 4.9. It-tnejnija ta' dokumenti sħaħ, inkluż l-assemblaġġ, l-istepiljar u l-legatura.
- 4.10. It-tnejnija ta' magni tal-istampar biex jagħmlu dan.
- 4.11. L-iżgurar tal-operazzjonijiet ta' rutina ta' kuljum f'termini ta' ġestjoni u ta' trasport ta' materjal stampat, it-tindif ta' printers, eċċ.
- 4.12. L-iżgurar tal-ispezzjoni regolari u tal-kontroll tal-manutenzjoni tat-tagħmir tekniku.
- 4.13. Is-sorveljanza tal-ippjanar tax-xogħol.

5. **Messaġġier/assistent fil-kamra għal-laqqgħat/persunal ta' appoġġ fl-uffiċċju/ġestjoni tad-dokumenti**

- 5.1. Il-merħba, il-gwida u l-introduzzjoni tal-viżitaturi.
- 5.2. L-immaniġġar u t-tqassim ta' dokumentazzjoni uffiċjali, posta u materjali għal-laqqgħat.
- 5.3. Il-parteċipazzjoni fil-ħidma ta' tnejnija ta' laqqgħat uffiċjali u fit-tnejnija tal-kmamar għal-laqqgħat, inkluża t-tnejnija ta' pjanijiet tal-kmamar, il-plakek tal-ismijiet u l-aġendi/programmi.
- 5.4. L-iżgurar tal-preżenza u l-assistenza waqt il-laqqgħat, inkluż għal telefonati u għall-votazzjoni.
- 5.5. L-ittrattar ta' dikjarazzjonijiet ta' spejjeż tal-ivvjaġġar/akkomodament.
- 5.6. L-immaniġġar ta' lockers/xkafef għall-ħżin, inkluża d-distribuzzjoni ta' ċwieviet jekk meħtieġ.
- 5.7. L-għoti ta' informazzjoni u l-għajnuna rigward l-użu tal-kmamar tal-laqqgħat.
- 5.8. L-għoti ta' assistenza fl-aġġornar tar-reġistru tal-laqqgħat u fit-tnejnija ta' rekords annwali, ta' kull xahar u ta' attivitajiet statistiċi oħra.
- 5.9. It-tnejnija u l-kontroll tal-flussi tax-xogħol biex jiġu stampati d-dokumenti fuq stampaturi ta' prestazzjoni għolja.
- 5.10. Il-produzzjoni ta' dokumenti fuq stampaturi ta' prestazzjoni għolja.
- 5.11. L-iskennjar ta' oriġinali fuq karta u t-tnejnija tagħhom għall-istampar.
- 5.12. L-iżgurar tal-arkivjar elettroniku tad-dokumenti.
- 5.13. L-iżgurar tal-fużjoni elettronika ta' dokumenti differenti qabel l-istampar.
- 5.14. L-iżgurar tal-immaniġġar u t-trasport ta' materjal stampat.
- 5.15. L-iżgurar tat-tindif ta' rutina tal-makkinarju tal-istampar.
- 5.16. It-tnejnija tat-twassil tad-dokumenti abbażi ta' kriterji stabbiliti minn qabel.
- 5.17. It-tnejnija u l-istampar tal-indirizzi fuq it-tikketti b'mod elettroniku, inklużi aġġornamenti ta' bażijiet tad-*data* bl-indirizzi.
- 5.18. Id-dispaċċ tad-dokumenti u l-ittri, inkluż permezz tal-posta elettronika u l-posta tal-massa.
- 5.19. It-twettiq ta' kull komputu ieħor li jnvolvi l-pubblikazzjoni, ir-riproduzzjoni, id-distribuzzjoni u l-arkivjar ta' dokumenti abbażi tal-produzzjoni ta' makkinarju.
- 5.20. L-iffajljar, ir-reġistrazzjoni u l-ħżin ta' dokumenti.
- 5.21. It-tnejnija ta' fajls għal-laqqgħat.
- 5.22. It-trażmissjoni, ir-riċeviment u r-reġistrazzjoni tal-posta, inklużi vjeġġi privati bil-kurrier u posta diplomatika.
- 5.23. Id-distribuzzjoni tal-posta internament.

6. **Ġestjoni tal-bini — persunal ta' appoġġ tekniku u amministrattiv**

- 6.1. L-għajnuna fl-implimentazzjoni tal-kuntratti tas-sottokuntratturi fl-oqsma tekniċi (xogħlijiet ta' finitura, serraturi u apparat tal-biben, tindif, immaniġġar tal-iskart, inġinerija elettrika).
- 6.2. Il-monitoraġġ u l-ikkontrollar tal-forniment ta' servizzi u d-dħul ta' *data* relatat, u t-tfassil ta' rapporti ta' statistika sempliċi.
- 6.3. Il-monitoraġġ tal-ġestjoni ta' stokkijiet ta' materjali.
- 6.4. Iż-żamma ta' relazzjonijiet mas-servizzi tal-utent/kljient.
- 6.5. L-assistenza fil-koordinazzjoni tal-ħidma fil-binjiet differenti.
- 6.6. L-għajnuna fil-monitoraġġ tal-kundizzjoni tal-bini (talbiet għal ħidma b'rispons għall-ħsarat, il-monitoraġġ

tax-xogħol tal-installazzjoni tal-uffiċċji, eċċ.).

- 6.7. It-twettiq ta' diversi dmirijiet manwali relatati ma' xogħlijiet ta' installazzjoni tal-uffiċċji.
- 6.8. L-iżgurar tal-individwazzjoni ta' soluzzjoni u assistenza teknika.
- 6.9. L-iżgurar ta' xogħlijiet minuri ta' manutenzjoni ta' rutina (l-armar tal-imwejjed, dendiela għall-kowtijiet, eċċ.).
- 6.10. Il-ġestjoni taċ-ċwieviet għall-proprjetà immobbli u l-għamara tal-uffiċċji.
- 6.11. L-assistenza fil-ġestjoni tal-inventarji tal-proprjetà immobbli u l-aġġornament tal-pjanijiet tekniċi għall-bini fl-użu.

7. Ix-xufiera

- 7.1. It-twassil ta' dinjitarji u uffiċjali anzjani kif ukoll ta' uffiċjali jew aġenti oħra tal-Istituzzjonijiet Ewropej, prinċipalment fi Brussell, fil-Lussemburgu, fi Strasburgu, kif ukoll fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi mhux tal-UE.
- 7.2. It-twassil tal-viżitaturi li jagħmlu parti mill-korp diplomatiku kif ukoll tal-VIPs.
- 7.3. It-trasport tal-oġġetti/dokumenti.
- 7.4. It-trasport tal-posta.
- 7.5. L-iżgurar tal-użu tajjeb tal-vettura, b'mod partikolari fir-rigward tal-manutenzjoni u tal-għodod teknoloġiċi tal-vettura.
- 7.6. L-iżgurar tas-sikurezza tal-persuni u tal-oġġetti matul it-trasport, f'konformità mal-Kodiċi tat-Triq tal-pajjiż.
- 7.7. L-iżgurar tat-tagħbija u l-ħatt tal-vetturi.
- 7.8. It-twettiq ta' ħidma amministrattiva u/jew l-għoti ta' appoġġ loġistiku.

8. Trasportaturi

- 8.1. L-għoti ta' appoġġ għar-rilokazzjoni tal-persunal u l-installazzjoni tagħhom fl-uffiċċji/fil-lokalitajiet il-ġodda.
- 8.2. Is-sorveljanza tal-ġestjoni tal-iskart/tar-riċiklaġġ tal-għamara/tat-tagħmir użat tal-uffiċċju.
- 8.3. L-assistenza fiċ-ċaqliq tal-għamara/tagħmir tal-uffiċċju kif meħtieġ għal avvenimenti organizzati mill-Istituzzjonijiet tal-UE.

9. Uxxiera parlamentari u uxiera għal istituzzjonijiet oħra

9.1. Il-Kamra u l-kmamar għal-laqqgħat

- (a) L-għoti ta' assistenza prattika lill-President tal-Parlament Ewropew.
- (b) Il-merħba u l-akkumpanjar tal-parteċipanti.
- (c) It-tqassim tad-dokumenti fil-lingwi kollha.
- (d) It-tqegħid tal-plakek bl-ismijiet fuq l-iskrivani.
- (e) Il-monitoraġġ tal-iffirmar mill-membri tal-Parlament Ewropew.
- (f) L-immaniġġar tal-listi tal-attendenza.
- (g) Il-provvista ta' sigurtà u, b'talba tal-President, l-intervent biex tinżamm l-ordni.
- (h) Il-kontroll tal-aċċess għall-bosta kmamar.

9.2. Dmirijiet ta' protokoll u attivitajiet uffiċjali

- (a) Ilqugħ u akkumpanjament tal-VIPs.
- (b) L-armar tal-bnadar.
- (c) L-armar tal-kurduni ta' protokoll.
- (d) Il-parteċipazzjoni fil-gwardja tal-unur matul iż-żjarat uffiċjali.

9.3. Dmirijiet oħra

- (a) It-tqassim, il-ġbir u t-trasport tal-posta permezz tat-trolley.
- (b) L-iżvojtjar tal-kaxex, it-trolleys u l-armarji mid-dokumenti.
- (c) Il-merħba tal-gruppi ta' viżitaturi, l-akkumpanjar tagħhom u l-iggwidar tagħhom fis-siġġijiet assenjati lilhom fil-galleriji u l-kmamar; iż-żamma tal-ordni; l-iżgurar li jiġu segwiti struzzjonijiet speċifiċi.
- (d) L-immaniġġar tal-cloakrooms għall-gruppi ta' viżitaturi.
- (e) It-twettiq ta' kompiti amministrattivi (ir-reġistrazzjoni tal-posta, l-iffajljar, posta elettronika, ipproċessar tal-kliem bażiku, intranet, eċċ.).
- (f) L-għoti ta' informazzjoni lill-viżitaturi, l-uffiċjali u kull persuna oħra.
- (g) L-għajjnuna lis-servizz għall-prevenzjoni tan-nar.

10. Uffiċjali ta' sigurtà u prevenzjoni

- 10.1. L-iffiltrar u l-kontroll tal-aċċess tal-persuni u tal-oġġetti permezz ta' skeners u gradi tad-detezzjoni.
- 10.2. L-ittrattar malajr u b'mod effikaċi ta' sitwazzjonijiet speċifiċi, meta xieraq permezz tar-rikonoxximent viżwali tal-Membri tal-Parlament Ewropew, il-membri tal-persunal permanenti, il-fornituri tas-servizzi u l-viżitaturi.
- 10.3. It-twettiq ta' rondi tas-sigurtà ġewwa l-bini tal-Istituzzjonijiet tal-UE.
- 10.4. It-twettiq tal-kontroll tas-sigurtà fuq il-posta, il-pakketti u l-kunsinni.
- 10.5. L-intervent f'każ ta' emerġenza tan-nar u/jew allarm f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mis-servizzi responsabbli u l-applikazzjoni ta' struzzjonijiet bażiċi rigward il-prevenzjoni u t-tifi tan-nar.
- 10.6. L-għoti tal-ewwel għajjnuna lil kull min ikollu bżonn.
- 10.7. It-twettiq ta' diversi kompiti amministrattivi (kitba ta' rapporti, iffajljar, ipproċessar tal-kliem, statistika, kodifikazzjoni, arkivjar u aġġornament tal-fajls).

11. Receptionist

- 11.1. L-ilqugħ tal-persuni u l-identifikazzjoni tat-talbiet tagħhom.
- 11.2. L-għoti ta' informazzjoni u direzzjonijiet jew l-akkumpanjar tan-nies lill-persuna ta' kuntatt, dipartiment jew post mitlub.
- 11.3. Il-merħba lill-viżitaturi ta' kariga għolja u l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb taż-żjarat skont l-iskeda.
- 11.4. L-ittrattar ta' telefonati li jkunu deħlin u ħerġin permezz ta' swiċċbord.
- 11.5. It-tħejjija tas-swali tal-laqqgħat għal kull tip ta' laqqgħa/attività.
- 11.6. Il-konsultazzjoni, id-dħul jew l-aġġornament tad-*data*.
- 11.7. Il-ġestjoni tad-dokumenti.

Ir-receptionists jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu żewġ xifts jew tlieta, u jekk ikun hemm bżonn, jaħdmu billejl u/jew fit-tmiem il-ġimgħa.

12. Min jibgħat

- 12.1. L-iżgurar tal-akkoljenza tal-membri tal-Parlament Ewropew u t-trattament immedjat tat-talbiet tagħhom għat-trasport.
- 12.2. It-tqassim ta' vjaġġi lis-sewwieqa billi jiġu kkombinati/jingħaqdu r-rotot kemm jista' jkun.
- 12.3. L-immaniġġar tal-vjaġġi b'mod effiċjenti sabiex jiżguraw bilanċ bejn is-sewwieqa (xogħol/pawżi).
- 12.4. L-għajjnuna u l-għoti ta' pariri dwar l-aħjar rotta possibbli f'każ ta' dubju.
- 12.5. Rwol ta' punt ta' kuntatt bejn is-sewwieqa u l-forniment ta' koordinazzjoni matul rotta.
- 12.6. L-iżgurar tal-ispezzjoni teknika u l-manutenzjoni regolari tal-karozzi.

13. Tekniċi tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni/aġenti tal-kejibils

- 13.1. L-aġir bħala l-punt ewlieni ta' kuntatt għall-utenti, l-għoti ta' assistenza u pariri biex isolvu l-problemi tagħhom tal-IT.
- 13.2. L-għoti ta' dijanjożi preċiża u l-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi xierqa.
- 13.3. L-għoti ta' pariri/taħriġ tal-utenti fl-użu ottimali tal-għodod tal-IT tagħhom.
- 13.4. Il-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-IT u tal-kejbils awdjoviżivi fil-bini (modifika, tiswija, żviluppi).
- 13.5. It-tweqqi tax-xogħol u l-kompiti tekniċi meħtieġa biex is-sistemi u n-networks tat-telekomunikazzjoni jinżammu għaddejnin mingħajr xkiel.

EPSO/CAST/P/19/2018 - PERSUNAL GĦALL-INDUKRAR TAT-TFAL - FG II

1. Edukaturi / persunal li jieħu ħsieb it-tfal għall-faċilitajiet ta' wara l-iskola u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal fil-beraħ (tfal ta' età bejn 3.5-14)

- 1.1. Il-kura tat-tfal, li jipproponu u janimaw attivitajiet differenti b'konformità mal-prinċipji stabbiliti tal-programm edukattiv.
- 1.2. Il-forniment ta' atmosfera li twassal għall-benesseri tat-tfal b'mod li dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw f'ambjent kalm u sigur.
- 1.3. Is-sorveljanza u l-assistenza lit-tfal biex ilestu x-xogħol għad-dar mogħti mill-iskola billi tiġi pprovduta atmosfera adegwata.
- 1.4. L-istabbiliment ta' sħubija u ż-żamma ta' relazzjonijiet ta' korteżija mal-ġenituri biex jiżdiedu l-integrazzjoni u l-iżvilupp tat-tfal tagħhom.
- 1.5. Il-parteċipazzjoni b'mod attiv f'laqgħat għad-diskussjoni u l-monitoraġġ tal-programmi edukattivi tal-faċilità għall-indukrar tat-tfal fil-beraħ u s-servizz taż-żamma tat-tfal wara l-iskola, biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-kura tat-tfal.
- 1.6. Il-ħidma bħala parti mill-iskwadra ta' ħaddiema "floating" fl-indukrar tat-tfal biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz.

2. Għalliema tal-kindergarten

- 2.1. Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal irregjstrati fil-kindergarten f'konformità ma' programm edukattiv stabbilit, sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet motorji, l-imġiba soċjali, l-intelliġenza u l-lingwa tagħhom.
- 2.2. Il-forniment ta' atmosfera li twassal għall-benesseri tat-tfal b'mod li dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw f'ambjent kalm u sigur.
- 2.3. L-istabbiliment u ż-żamma ta' relazzjonijiet ta' korteżija mal-ġenituri biex tiżdied kemm l-integrazzjoni kif ukoll l-iżvilupp tat-tfal tagħhom fi sħubija magħhom.
- 2.4. Il-ħidma bħala parti mill-iskwadra ta' ħaddiema "floating" fl-indukrar tat-tfal biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz.
- 2.5. Il-proposta u l-animazzjoni ta' attivitajiet differenti għat-titjib tal-ħiliet motorji tat-tfal u l-iżvilupp intellettuali tagħhom u l-implimentazzjoni tal-programm pedagoġiku taċ-ċentru fuq bażi ta' kuljum.
- 2.6. L-akkumpanjar u l-ħarsien tas-sikurezza tat-tfal fuq vjaġġi.
- 2.7. L-għoti tal-attenzjoni individwali li għandhom bżonn it-tfal kollha, speċjalment f'mumenti li jinvolvu kuntatt mill-qrib partikolari (l-ikel u l-kura fiżika).

3. Persuni li jieħdu ħsieb it-tfal/ħaddiema tal-kura tat-tfal għal tfal ta' bejn 0-3 fil-crèches

- 3.1. Il-ħarsien u l-edukazzjoni ta' grupp ta' tfal li għandhom bejn 0 u 3 snin fil-crèches tal-Kummissjoni Ewropea (fi Brussell, il-Lussemburgu jew Ispra) f'konformità mal-programm edukattiv li jintuża bħala qafas ta' referenza, sabiex it-tfal jiġu megħjuna jiżviluppaw l-identità, l-awtonomija u l-ħiliet tagħhom.
- 3.2. Il-forniment ta' ambjent kalm u sigur fis-sitwazzjonijiet kollha li jwassal għall-benesseri u l-iżvilupp tagħhom.
- 3.3. L-għoti tal-attenzjoni individwali li għandhom bżonn it-tfal kollha, speċjalment fi żminijiet li jinvolvu kuntatt

mill-qrib (l-ikliet u l-kura fiżika).

- 3.4. Jekk ikun meħtieġ, it-tnejn tal-fliexken tat-trabi, f'konformità stretta mar-regoli tal-iġjene u tas-sikurezza.
- 3.5. L-istabbiliment u ż-żamma ta' relazzjonijiet ta' korteżija mal-ġenituri biex tiżdied l-integrazzjoni u l-iżvilupp tat-tfal tagħhom fi sħubija magħhom.
- 3.6. Il-ħidma b'mod flessibbli bħala parti minn tim u xogħol minflok membri oħra tat-tim kif meħtieġ. Matul ċerti perjodi, il-ħidma bħala parti mill-iskwadra "floating" sabiex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizz f'kull taqsima f'siti differenti.

EPSO/CAST/P/20/2018 - PSIKOLOGI EDUKATTIVI - FG IV

Dan il-profil jinvolvi ħidma ma' tfal li għandhom bejn 0 u 14-il-sena. Id-dmirijiet ewlenin jistgħu jinkludu:

1. L-għoti ta' għarfien espert fil-qasam tal-psikoloġija edukattiva lill-iskola preprimarja ta' matul il-ġurnata u/jew liċ-ċentru ta' wara l-iskola.
2. Is-segwiment mill-qrib tax-xogħol tal-infermiera, tal-persunal u/jew l-għalliema/edukaturi tal-iskejjel preprimarji għall-għoti ta' appoġġ għax-xogħol edukattiv tagħhom.
3. Il-kontribut għat-taħriġ kontinwu dwar kwistjonijiet edukattivi sabiex tissaħħaħ il-professjonalità tal-persunal edukattiv.
4. Il-ġestjoni tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-implimentazzjoni/titjib tal-pjan ta' taħriġ u l-organizzazzjoni ta' azzjonijiet ta' taħriġ fi kwistjonijiet edukattivi.
5. L-osservazzjoni u s-segwiment tal-iżvilupp ġenerali tat-tfal, biex jiġu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet għall-benesseri tagħhom fl-iskola preprimarja tal-ġurnata jew fiċ-ċentru ta' wara l-iskola.
6. L-infurmar tal-ġenituri, fil-laqqgħat organizzati għal dan il-għan, fir-rigward tal-attivitajiet tat-tifel/tifla tagħhom biex tinżamm relazzjoni magħhom ibbażata fuq il-fiduċja u l-isħubija.
7. It-teħid ta' passi biex jittejjbu l-kundizzjonijiet u jiġi żgurat il-benesseri tat-tfal.
8. Il-proposta ta' bidliet tal-organizzazzjoni ġenerali sabiex jittejjbu l-kwalità pedagoġika tax-xogħol, il-benesseri tat-tfal fl-iskola preprimarja ta' matul il-ġurnata u/jew fiċ-ċentru ta' wara l-iskola, u s-servizz lill-ġenituri.
9. Iż-żamma tal-kuntatt permanenti, jew kollettivament jew fuq bażi individwali mal-infermiera, mal-persunal u/jew l-għalliema/edukaturi tal-iskejjel preprimarji biex tiġi żgurata l-konsistenza edukattiva tal-persunal edukattiv.
10. L-iżvilupp ta' proposti għall-ippjanar ta' aspetti differenti tal-organizzazzjoni ġenerali, inklużi s-selezzjoni u l-akkwist tal-materjali, biex jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-kwalità tal-ħajja tat-tfal u s-servizz ipprovdut lill-ġenituri.
11. L-iżgurar li d-dikjarazzjoni tal-missjoni edukattiva tiġi implimentata b'mod xieraq.
12. Il-parteċipazzjoni fil-koordinazzjoni bejn l-iskejjel preprimarji ta' matul il-ġurnata u ċ-ċentri ta' wara l-iskola.

EPSO/CAST/P/21/2019 - QARREJJA TAL-PROVI - FG III

1. Qari tal-provi ta' testi għall-ortografija, il-grammatika, il-punteġġatura, l-ifformattjar, it-tipografija, l-enfasizzar u l-kummenti dwar test li jista' jittejjeb f'termini ta' ċarezza, u d-dħul tal-korrezzjonijiet tal-awturi.
2. It-tnejn u l-verifika tal-provi għall-pubblikazzjoni f'diversi formati u media.
3. It-tnejn ta' manuskritti f'format elettroniku jew fuq karta f'termini ta' ortografija, grammatika u sintassi, u l-iċċekkjar ta' testijiet għall-koerenza u l-uniformità.
4. L-iċċekkjar tal-konformità mar-regoli u l-konvenzjonijiet stilistiċi, u l-konformità tat-testi mal-Gwida Interistituzzjonali tal-Istil adottata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kollha.
5. L-iċċekkjar tal-kwalità tax-xogħol imwettaq minn kuntratturi esterni.
6. It-tnejn tad-dokumenti tal-Istituzzjonijiet għall-pubblikazzjoni u l-finalizzazzjoni tat-testi f'termini tipografiċi.
7. It-twettiq ta' diversi kompiti oħra relatati mal-lingwa bħall-moderazzjoni ta' kontenut ta' siti web u

traskrizzjoni.

EPSO/CAST/P/22/2019 - TRADUTTURI - FG IV

1. It-traduzzjoni fil-“lingwa 1” minn tal-anqas żewġ lingwi tas-sors.
2. Il-qari u l-korrezzjoni tat-traduzzjonijiet tagħhom stess.
3. Reviżjoni ta' traduzzjonijiet minn tradutturi oħra interni u freelance.
4. Ir-riċerka tat-terminoloġija u l-ħolqien/il-manutenzjoni ta' bażijiet tad-*data* terminoloġiċi.
5. Għajjnuna għal miżuri ta' taħriġ u l-iżvilupp tal-għodod tal-IT.
6. Għoti ta' pariri lingwistiċi.
7. Il-kondiviżjoni ta' għarfien speċjalizzat f'oqsma ta' interess għall-Istituzzjoni tal-UE kkonċernata.
8. Il-kontribut għall-assigurazzjoni tal-kwalità u ż-żamma ta' *data* lingwistika, inkluż għal traduzzjoni awtomatika.
9. Il-ġestjoni ta' proġetti lingwistiċi.
10. Il-ġestjoni ta' flussi tax-xogħol lingwistiċi.

EPSO/CAST/P/23/2022 - ĠESTJONI TAL-BINI - AĠENT TEKNIKU U TAL-LOĠISTIKA - FG II

Dan il-profil ikopri diversi speċjalitajiet bħall-appoġġ għal-loġistika, il-koordinazzjoni taċ-ċaqliq, il-ġestjoni tat-tagħmir, is-superviżjoni u l-verifika tat-tindif, is-superviżjoni tal-manutenzjoni teknika, l-aġent tal-helpdesk tal-bini (speditur tekniku). Id-dmirijiet ewlenin jistgħu jinkludu:

1. It-trattament ta' talbiet għal għajjnuna teknika, l-iżgurar tal-monitoraġġ, l-ippjanar u s-segwitu tal-interventi tekniċi.
2. Tindif: il-kontroll tal-kwalità, il-ftehim dwar il-livell ta' servizz (KPIs), l-iskedar tal-interventi, il-ftehim dwar il-metodoloġija u l-proċess tat-tindif.
3. Ġestjoni tal-iskart: il-verifika tal-fatturi, l-inventarju annwali tal-iskart.
4. L-allokazzjoni tal-ispazju għall-uffiċċji (uffiċċji) fil-bini permezz tat-tfassil ta' pjanijiet, it-twettiq ta' żjarat fil-post, it-tfassil ta' proposti għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-ispazju għall-uffiċċji, eċċ.
5. Il-ġestjoni tat-tagħmir (inventarju, għamara, provvisti).
6. Il-koordinazzjoni taċ-ċaqliq tan-nies u tal-affarijiet tagħhom.
7. Il-kontribut għall-ġestjoni teknika, amministrattiva u finanzjarja tal-kuntratti ta' servizzi relatati mal-manutenzjoni u/jew l-armor.
8. Il-kontribut għall-manutenzjoni teknika u l-istat tajjeb ġenerali tal-bini.
9. Il-kontribut għall-ġestjoni operattiva u amministrattiva tal-permessi ambjentali, iċ-ċertifikazzjonijiet ambjentali u tal-enerġija tal-bini, il-kontribut għall-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali.

EPSO/CAST/P/24/2022 - ĠESTJONI TAL-BINI – SPEĠJALIST TAL-BINI - FG III

Dan il-profil ikopri diversi speċjalitajiet bħal:

- Xogħlijiet strutturali: l-arkitettura, id-disinn intern, ir-rinnovazzjoni u l-irfinar, l-istruttura.
- Ġestjoni tat-tekniki speċjali: il-mekkanika u l-liftijiet, l-idrawlika, il-plumbing.
- Ġestjoni tal-proġetti u l-faċilità: is-sistema ta' ġestjoni tal-bini, il-kostruzzjoni, il-ġestjoni tas-siti, l-iżvilupp u l-akkwiżizzjonijiet ta' proprjetà immobbli, il-ġestjoni/l-esplojtazzjoni tal-faċilità, is-sistema ta' ġestjoni tal-manutenzjoni, id-disinn assistit minn kompjuter ta' appoġġ grafiku, l-immudellar ta' informazzjoni dwar il-bini ta' appoġġ grafiku.

- Ġestjoni tal-enerġija u tal-ambjent: l-elettriku b'vultaġġ medju u baxx, id-disinn tad-*data* u l-kejibils, it-tiġin-ventilazzjoni-kundizzjonament tal-arja, il-ġestjoni tal-ambjent u tal-enerġija tal-bini, iċ-ċertifikazzjoni tal-ambjent u tal-enerġija tal-bini, l-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali, il-kontroll tal-kwalità tal-arja u tal-ilma.
- Ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza: l-infrastruttura tas-sikurezza, l-infrastruttura tas-sikurezza kontra n-nirien, il-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sikurezza u ta' saħħa, il-konsulenza dwar il-prevenzjoni.

Id-dmirijiet ewlenin f'dawn l-ispeċjalitajiet jistgħu jinkludu:

1. It-tweqqif ta' dmirijiet eżekuttivi u superviżorji relatati maż-żamma u mal-manutenzjoni tal-bini.
2. It-tweqqif ta' dmirijiet eżekuttivi u superviżorji relatati mal-enerġija u l-konsum tal-fluwidi fil-bini.
3. It-tweqqif ta' dmirijiet eżekuttivi u superviżorji relatati ma' pjanijiet ta' twaħħil jew ta' twaħħil mill-ġdid tal-bini jew ta' sistemi tal-bini.
4. Il-parteċipazzjoni fit-tweqqif u fl-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, fl-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tal-proġetti, fit-tweqqif tal-qafas u tal-kuntratti speċifiċi.
5. L-iżvilupp ta' strateġiji u l-ippjanar ta' proġetti, l-organizzazzjoni tal-kontroll tal-kwalità, l-identifikazzjoni u l-analiżi tar-riskju (potenzjali), id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskju, ir-rapportar dwar l-istatus tal-proġetti, il-ġestjoni ta' modifiki/bidliet matul il-proġetti.
6. It-tweqqif ta' ħidma eżekuttiva u superviżorja dwar il-loġistika assoċjata mal-attivitajiet ta' hawn fuq.
7. It-tweqqif tal-ħidma eżekuttiva u superviżorja fir-rigward tal-manutenzjoni ta' fittings u l-manutenzjoni tal-bini fis-sit.
8. Is-segwitu ta' attivitajiet ta' disinn u kostruzzjoni relatati ma' proġetti għal bini ġdid jew eżistenti.
9. L-assistenza għat-tmexxija tal-manigġers tal-proġetti fi kwistjonijiet relatati mal-programm tal-proġetti, il-baġit tal-proġetti, u l-ippjanar tal-attivitajiet.
10. L-assistenza f'kompiti elementari/rikorrenti għall-akkoljenza ta' bini ġdid u/jew installazzjonijiet tekniċi.
11. L-assistenza lill-manigġers ta' proġetti ewlenin bil-kontroll tar-risultati tanġibbli tad-disinn (mid-disinn preliminari għall-fażijiet "kif mibni").
12. L-assistenza lill-manigġers ta' proġetti ewlenin fl-akkoljenza ta' bini ġdid u/jew installazzjonijiet tekniċi.
13. Il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-proċessi tal-immudellar tal-informazzjoni dwar il-bini (BIM) u tad-disinjar permezz tal-kompjuter (CAD).
14. It-tweqqif ta' dmirijiet eżekuttivi u superviżorji relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza, ta' saħħa u prevenzjoni.
15. Is-segwitu u l-aġġornament tal-permessi ambjentali, il-konformità legali tal-bini, iċ-ċertifikazzjonijiet ambjentali u tal-enerġija tal-bini, u l-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali, l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tal-"Akkwist Pubbliku Ekoloġiku".

EPSO/CAST/P/25/2022 - ĠESTJONI TAL-BINI - INĠINIER / PERIT - FG IV

Dan il-profil ikopri diversi speċjalitajiet bħall-proġetti, il-manutenzjoni/il-ġestjoni tal-faċilità, u s-saħħa u s-sikurezza. Dawn l-ispeċjalitajiet jistgħu jinvolvu dmirijiet elenkati hawn taħt.

1. Proġetti: arkitettura, rinnovazzjonijiet u irfinar, struttura, sistema ta' ġestjoni tal-bini, sistema ta' ġestjoni tal-manutenzjoni, ġestjoni ta' proġetti ta' bini, żvilupp u akkwiżizzjonijiet ta' proprjetà immobbli, immudellar ta' informazzjoni dwar il-bini (BIM). Id-dmirijiet speċifiċi f'din l-ispeċjalità jistgħu jinkludu:
 - 1.1. L-immaniġġar u s-segwitu tal-istudji, tal-kostruzzjoni, tat-tqassim tal-bini.
 - 1.2. It-tfassil tal-proġetti ta' proprjetà immobbli, il-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tagħhom fil-fażijiet kollha tagħhom u fl-aspetti kollha tagħhom (tekniċi, amministrattivi, finanzjarji, baġitarji) inkluża l-akkoljenza.
 - 1.3. L-iżgurar tal-ippjanar ta' akkwiżizzjonijiet, kostruzzjonijiet u estensjonijiet ta' bini fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet ta' proprjetà immobbli f'termini ta' superfiċi, installazzjonijiet, tagħmir, affidabbiltà, eċċ.

2. Manutenzjoni/ġestjoni tal-faċilità: elettriku b'vultaġġ medju u baxx, kundizzjonament tal-arja b'tiżhin/ventilazzjoni, mekkanika u liftijiet, idrawlika, plumbing. Id-dmirijiet speċifiċi f'din l-ispeċjalità jistgħu jinkludu:
 - 2.1. L-immaniġġar u s-segwitu ta' studji, tqassim, operazzjoni (manutenzjoni), affidabbiltà tal-bini u t-tagħmir tiegħu
 - 2.2. L-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet tal-proprjetà immobbli f'termini ta' superfiċi, installazzjonijiet, tagħmir, affidabbiltà, eċċ.
 - 2.3. Il-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-proċess tal-Immudellar tal-Infurmazzjoni dwar il-Bini (BIM).
3. Saħħa u sikurezza: l-infrastruttura tas-sikurezza, l-infrastruttura tas-sikurezza kontra n-nirien, il-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sikurezza u saħħa, il-konsulenza dwar il-prevenzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tal-ambjent u tal-enerġija tal-bini, l-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali. Id-dmirijiet speċifiċi f'din l-ispeċjalità jistgħu jinkludu:
 - 3.1. L-immaniġġar u s-segwitu tal-aspetti tas-saħħa u s-sikurezza matul l-istudji, ix-xogħlijiet, l-operat (proġetti u manutenzjoni).
 - 3.2. It-tweqqif ta' dmirijiet eżekuttivi u superviżorji relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza, saħħa u prevenzjoni.

Id-dmirijiet li ġejjin huma komuni għall-profil kollu:

1. It-tnejn ta' baġits, fajls tekniċi u amministrattivi, speċifikazzjonijiet u kuntratti.
2. Il-parteċipazzjoni f'negozjati tekniċi u finanzjarji.
3. L-għoti ta' pariri lill-ġerarkija dwar il-kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu max-xogħol.
4. L-organizzazzjoni u l-immaniġġar tal-infurmazzjoni u kwalunkwe dokumentazzjoni relatata mal-qasam ta' attività.
5. Il-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-permessi ambjentali, il-konformità legali tal-bini, ċertifikazzjonijiet ambjentali u tal-enerġija tal-bini u l-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali, l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tal-"Akkwist Pubbliku Ekoloġiku".

[Tmiem l-ANNEX I, aqfhas hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali](#)

ANNEX II. Rekwiżiti lingwiċi

Il-prattika standard ilha tintuża prinċipalment bil-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż għall-finijiet ta' komunikazzjoni interna u esterna fl-istituzzjonijiet tal-UE u minnhom.

L-għażliet tal-lingwa 2 f'dawn il-proċeduri ta' selezzjoni (jiġifieri l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż) ġew definiti f'konformità mal-interessi tas-servizz li jeħtieġu lill-aġenti kuntrattwali li jkunu għadhom kemm jinħatru li jkunu operazzjonali mill-ewwel u jkunu kapaċi jikkomunikaw effettivament fix-xogħol tagħhom ta' kuljum.

L-aġenti kuntrattwali huma reklutati għal kuntratti qosra jew fuq terminu medju biex jindirizzaw bżonnijiet tal-persunal immedjati u speċifiċi. Ġeneralment jiġu assenjati biex iwettqu kompiti taħt is-supervizzjoni ta' uffiċjali jew ta' persunal temporanju jew inkella jitqabdbu biex jieħdu post persunal assenti b'mod temporanju. Ir-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li se jkunu immedjatament operazzjonali u li se jidhru f'sitwazzjoni ta' xogħol eżistenti, u b'hekk jinteraġixxu mill-qrib mal-persunal eżistenti.

Peress li r-rekluti l-ġodda jeħtieġ li jkunu jistgħu jassumu d-dmirijiet tagħhom minnufih u mingħajr ma jirċievu taħriġ addizzjonali fil-lingwa, huma jridu jkunu jistgħu jikkomunikaw f'tal-anqas waħda mill-għadd limitat ta' lingwi prinċipali użati fi ħdan is-servizzi ta' reklutaġġ, jiġifieri l-Ingliż, il-Franċiż, jew il-Ġermaniż. Jekk ir-rekluti l-ġodda ma jkunux jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv u jwettqu d-dmirijiet li għalihom ikunu ġew reklutati, dawn il-proċeduri ta' selezzjoni ma jkunux adatti għall-iskop tagħhom, u l-funzjonament effiċjenti tal-istituzzjonijiet jista' potenzjalment jintlaqat ħażin ħafna.

[Tmiem l-ANNEX II, ikklikkja hawn biex terġa' lura għat-test ewlieni](#)

ANNEX III. Kodiċijiet speċjali li għandhom jiġu indikati fl-applikazzjonijiet għall-profil "Ġestjoni tal-Bini" EPSO/CAST/P/23/2022, EPSO/CAST/P/24/2022, u EPSO/CAST/P/25/2022

Il-kodiċijiet elenkati f'dan l-Anness huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-kandidati b'ħiliet tekniċi speċifiċi. Dawn huma identiċi fil-lingwi kollha. Il-kandidati huma mistiedna jużaw dawn il-kodiċijiet fil-formoli tal-applikazzjoni (taħt it-tabs "Esperjenza Professionali" u/jew "Edukazzjoni u Taħriġ"), biex jenfasizzaw ċerti ħiliet meta jiddeskrivu l-esperjenzi professjonali tagħhom. Jistgħu jintużaw diversi kodiċijiet jekk ikun meħtieġ. Il-ħiliet iddikjarati se jiġu vvalutati mis-servizzi ta' reklutaġġ.

EPSO/CAST/P/23/2022 - ĠESTJONI TAL-BINI - AĠENT TEKNIKU U TAL-LOĠISTIKA - FG II

[CClea] Superviżjoni tat-tindif
[CHelp] Helpdesk tekniku
[Clog] Aġent tal-loġistika

EPSO/CAST/P/24/2022 Ġestjoni tal-Bini – Speċjalist tal-Bini - FG III

Xogħlijiet strutturali

[TArch] Arkitettura, disinn intern
[TRef] Rinnovazzjoni u rfinar
[TStru] Struttura

Tekniki speċjali

[TElec] Elettriku b'vultaġġ medju u baxx
[TDaCa] Disinn tad-data u tal-kejbils
[THvac] Tisħin-Ventilazzjoni-Kundizzjonament tal-Arja
[Tlsec] Infrastruttura tas-sikurezza
[Tlfir] Infrastruttura tas-sikurezza kontra n-nirien
[TMeca] Mekkanika u liftijiet
[THydr] Idrawlika, Plumbing
[Tlbms] Sistema ta' Ġestjoni tal-Bini

Ġestjoni tal-proġetti u tal-faċilità

[TCstr] Kostruzzjoni, ġestjoni tas-sit
[TReal] Żvilupp u akkwiżizzjonijiet ta' proprjetà immobbli
[TFm] Ġestjoni tal-faċilitajiet - esplojtazzjoni
[TImms] Sistema ta' Ġestjoni tal-Manutenzjoni
[TGcad] Disinn assistit minn kompjuter ta' appoġġ grafiku
[Tgbim] Immudellar ta' informazzjoni dwar il-bini ta' appoġġ grafiku

Ġestjoni tal-enerġija u tal-ambjent

[TEnvi] Ġestjoni tal-ambjent u tal-enerġija tal-bini
[TEcem] Ċertifikazzjoni tal-ambjent u tal-enerġija tal-bini, l-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali,
[TEqaw] Kontroll tal-kwalità tal-arja u tal-ilma

Ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza

[TSafe] Koordinazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sikurezza u saħħa
[TCouns] Konsulenza dwar il-prevenzjoni

EPSO/CAST/P/25/2022 Ġestjoni tal-Bini - Inġinier / Perit - FG IV

Ġestjoni tal-bini – proġett

[Parch] Arkitettura
[PRef] Rinnovazzjoni u rfinar
[PStru] Struttura
[PElec] Elettriku b'vultaġġ medju u baxx
[PHvac] Tisħin-Ventilazzjoni-Kundizzjonament tal-Arja
[Psec] Infrastruttura tas-sigurtà
[Pfir] Infrastruttura tas-sikurezza kontra n-nirien
[PMeca] Mekkanika u liftijiet
[PHydr] Idrawlika, Plumbing
[Plbms] Sistema ta' Ġestjoni tal-Bini
[PBprm] Ġestjoni tal-proġett tal-bini
[PEnv] Speċjalista tal-ambjent u l-enerġija tal-bini
[PEcem] Ċertifikazzjoni tal-ambjent u tal-enerġija tal-bini, l-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali, kontroll tal-kwalità tal-arja u tal-ilma
[PReal] Proprjetà immobbli
[PBIM] Ġestjoni tal-BIM

Ġestjoni tal-bini - ġestjoni tal-manutenzjoni/tal-faċilità

[MArch] Arkitettura
[MRef] Rinnovazzjoni u rfinar
[MStru] Struttura
[MElec] Elettriku b'vultaġġ medju u baxx
[MHvac] Tisħin-Ventilazzjoni-Kundizzjonament tal-Arja
[Msec] Infrastruttura tas-sikurezza
[Mfir] Infrastruttura tas-sikurezza kontra n-nirien
[MMeca] Mekkanika u liftijiet
[MHydr] Idrawlika, Plumbing
[Mlbms] Sistema ta' Ġestjoni tal-Bini
[Mimms] Sistema ta' Ġestjoni tal-Manutenzjoni
[MEnv] Speċjalista tal-ambjent u l-enerġija tal-bini
[MEcem] Ċertifikazzjoni tal-ambjent u tal-enerġija tal-bini, l-Iskema EMAS ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali, kontroll tal-kwalità tal-arja u tal-ilma
[MReal] Proprjetà immobbli
[MBIM] Ġestjoni tal-BIM

Koordinazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sikurezza u ta' saħħa

[HSafe] Koordinazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sikurezza u ta' saħħa
[HCouns1] Kunsillier għall-prevenzjoni tal-ewwel livell
[HErgo] Konsulent tal-prevenzjoni fl-ergonomija
[HPsych] Konsulent tal-prevenzjoni fl-aspetti psikosoċjali

[HHyg] Konsulent tal-prevenzjoni fl-iġjene tax-xogħol

[Tmiem I-ANNEX III, ikklikja hawn biex terġa' lura għat-test ewlieni](#)